MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 498/2012

**AB**

***Vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin ta' Mejju tal-elfejn u erbgha (28/05/2004) (Ara Dok A anness) u li minn dan iz-zwieg ghandhom tifel wiehed li jismu Aiden imwieled fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004):

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Rachel Busuttil mid-disgha u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (29/7/2008) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom erba' snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-manteniment dovut ghall-minuri hu regolat bil-kuntratt tas-separazzjoni (Ara Dok B, Klawsola 7), min-naha l-ohra l-partijiet reciprokament irrinunzjaw mill-jedd taghhom li jitolbu / jircievu manteniment minghand xulxin b'aktar mod assolut (Ara Dok B, Klawsola 4);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Ottubru, 2012;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ir-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Lulju, 2008;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt taghhom li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin u illi l-manteniment dovut ghall-minuri hu regolat bl-istess kuntratt ta’ separazzjoni personali;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------